MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1063/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Jason Scerri**

**Illum 30 ta' Ottubru, 2014.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjubha kontra Jason Scerri ta’ 40 sena, bin Joseph u Jane xebba Farrugia, mwieled Pieta nhar il-5 ta’ Marzu, 1974 u residenti gewwa fond Tulip Court, Flat 1, Triq Guzeppi Frendo, Balzan, detentur tal-karta tal-identita numru 167774M;;

Talli f’xi hin bejn l-ghaxra ta’ filghodu u l-ghaxra w nofs ta’ filghaxija tal-31 ta’ Awwissu, 2014 gewwa l-Mellieha;

1. Ikkommetta serq ta’ flus kontanti kif ukoll ta’ gojjellerijali b’kollox jammontaw ghal elfejn u sittin Ewro (€2,060) minn Villa numru 204, sitwata fi Triq il-Qasab, Mellieha ghad-detriment ta’ Ian Michael Bellia u/jew persuna ohra, liema serqa hu kkwalifikat bil-valur, bil-mezz u bil-lok skont Art 263, 264(1), 267, 269(g), 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Ghamel dellit waqt perjodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ sena moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Magt. Dr. A. Micallef Trigona nhar id-19 ta’ Frar, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra, mnaqqsa jew mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma’ **Jason Scerri** bhala **recidiv** ta’ sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta liema sentenza saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi;

Rat il-Ligi partikolarment l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap. 9;

Rat ukoll Art 263, 264(1), 267, 269(g), 270 u 279(b) tal-Kapitolu 9;

Rat l-ammissjoni ta' l-imputat.

Semghet il-partijiet fuq il-piena.

Wara li regghet semghet l-imputat jammetti t-talbiet, il-Qorti tghaddi sabiex taghti sentenza u qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah piena ta' habs ghal tnax-il xahar (12).

Il-Qorti tistieden ukoll lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jassikuraw li l-imputat ikompli jinghata l-kura li kellu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------